**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 9 t' Ottubru, 2018**

**Talba Nru: 216/2018 PM1**

**Philip Coleiro (ID Nru. 401497(M))**

**Vs**

**Susanne Camilleri**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-hdax (11) ta' Mejju, elfejn u tmintax (2018) permezz ta' liema l-attur talab li l-intimata tigi kkundannata thallasu s-somma ta' erbat elef, mija sebgha u disghin euro u hamsin centezmi (€4197.50) rapprezentanti prezz ta' servizzi u xogholijiet rezi fil-fond tal-intimata fuq inkarigu moghti mill-intimata stess, bl-ispejjez inkluz tal-ittra ufficjali bin-numru 2725/17 kontra l-intimata ingunta in subizzjoni. L-attur premetta wkoll li l-intimata rceviet sussidju mill-Awtorita` tad-Djar fir-rigward ta' dawn ix-xogholijiet izda baqghet ma hallsitux, dan minkejja diversi interpellazzjonijiet f'dan ir-rigward.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm s-socjeta` konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi. Madanakollu waqt is-seduta tal-21 ta' Gunju, 2018 dehret l-istess intimata, mhux assistita, li ddikjarat li qed tikkontesta l-ammont mitlub mill-attur u dan peress li dan l-ammont mitlub hija wzatu biex qabbdet persuni biex jaghmlu riparazzjonijiet ghax-xogholijiet hziena u hsara li, skont hi, saru mill-persuna inkarigata biex taghmel dawn ix-xogholijiet.

Illi waqt tali seduta it-Tribunal informa lill-istess intimata li huwa fl-akbar interess taghha li tqabbad avukat tal-fiducja taghha biex tressaq risposta bil-miktub u sabiex jassisti lill-istess intimata f'dawn il-proceduri. Madanakollu, minkejja dan, l-intimat infurmat lit-Tribunal li ma kenitx bi hsiebha tqabbad avukat.

Ra wkoll li l-kawza giet sussegwentement differita ghall-provi kollha tal-attur ghall-ewwel (1) t'Ottubru, 2018.

Ra li waqt tali seduta l-intimata ma dehritx u l-attur ghazel li jsejjhilha in subizzjoni. Konsegwentement gie prezentat kapitlu ghas-subizzjoni tal-istess intimata.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mir-rapprezentant legali tas-socjeta` attrici fl-imsemmija seduta tal-ewwel (1) t'Ottubru, 2018 u fil-fatt, anke fis-seduta tal-lum l-intimata naqset milli tidher sabiex tirrispondi ghalih.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ikkunsidra illi, fin-nuqqas tal-intimata li tidher sabiex twiegeb ghall-kapitlu prezentat fil-konfront taghha, in-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra, dana wkoll a tenur tal-art. 13(b) tal-**Att dwar it-Tribunal ghal Talbiet Zghar** (Kap. 380 tal-Ligijiet ta' Malta).

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attur tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' it-talba u jikkundanna lill-intimata sabiex thallas lill-attur is-somma mitluba ta' erbat elef, mija u sebgha u disghin euro (€4197) rapprezentanti prezz ta'

servizzi u xogholijiet rezi mill-attur fil-fond tal-intimata fuq inkarigu moghti minnha stess, bl-ispejjez kif mitluba kontra l-istess intimata.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**